

FTEHIM AKP-UE TA' COTONOU

**ORGANIZZAZZJONI TAL-ISTATI
AFRIKANI, TAL-KARIBEW U TAL-
PAĊIFIKU**

**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 21 ta' Ottubru 2022
(OR. en)**

ACP/21/003/22

ACP-UE 2103/22

RAPPORT

Suġġett: Rapport mill-Kunsill tal-Ministri AKP-UE lill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE fl-2019-2022

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim ta' Sħubija AKP-UE", il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE b'dan jippreżenta lill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE r-rapport tiegħu dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fl-2019-2022.

RAPPORT MILL-KUNSILL TAL-MINISTRI AKP-UE
LILL-ASSEMBLEA PARLAMENTARI KONĠUNTA AKP-UE
DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-FTEHIM TA' SĦUBIJA
BEJN L-AKP U L-UE

(2019-2022)

WERREJ

Paġna

I.	Introduzzjoni	4
II.	Attivitajiet tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE u l-korpi preparatorji tiegħu f'oqsma speċifiċi ta' kooperazzjoni	5
1.	Kooperazzjoni politika	5
2.	Żvilupp Ekonomiku u kooperazzjoni kummerċjali	6
3.	Kooperazzjoni għall-finanzjament tal-iżvilupp	6
III.	Ħarsa ġenerali lejn il-ħidma tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE u l-korpi preparatorji tiegħu u d-dokumenti adottati	7
1.	Laqgħat	7
2.	Deċiżjonijiet	8
3.	Dokumenti politiċi	10

I. INTRODUZZJONI

L-analiżi u t-tnejn tal-kooperazzjoni futura kienu fiċ-ċentru tal-attenzjoni tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE matul il-perjodu mill-2019 sal-2022.

Il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE fl-2019 iddiskuta l-modi biex tissaħħa il-kooperazzjoni f'fora internazzjonali bejn iż-żewġ naħat. Barra minn hekk, il-partijiet iddiskutew il-governanza tal-oċeani u komplew bl-iskambju tagħhom dwar it-tibdil fil-klima u l-migrazzjoni.

B'mod parallel, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE, assistit mill-korpi preparatorji tiegħu, kompli jżviluppa l-kooperazzjoni AKP-UE f'oqsma oħra relatati mat-tliet pilastri tagħha: il-kooperazzjoni politika, il-kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali u l-kooperazzjoni finanzjarja għall-iżvilupp.

II. ATTIVITAJIET TAL-KUNSILL TAL-MINISTRI AKP-UE U L-KORPI PREPARATORJI TIEGĦU F'OQSMA SPEĊIFIKI TA' KOOPERAZZJONI

1. Kooperazzjoni politika

Fl-2019, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE u l-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE ffokaw fuq il-kooperazzjoni politika f'erba' oqsma: it-tisħiħ tal-kooperazzjoni f'fora internazzjonali, it-tibdil fil-klima, il-governanza tal-oċeani u l-migrazzjoni.

Il-Partijiet komplew id-diskussjoni tagħhom dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni f'fora internazzjonali, li hija meqjusa miż-żewġ naħat bħala element ewlieni għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE l-ġdid.

Il-Partijiet affermaw mill-ġdid l-impenni tagħhom li jkomplu jwettqu bis-sħiħ ir-rwol ewlieni tagħhom fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u li jikkollaboraw għas-suċċess tal-COP25 tal-UNFCCC.

Taħt il-governanza tal-oċeani, il-Partijiet skambjaw fehmiet dwar il-possibiltajiet li tissaħħaħ il-kooperazzjoni AKP-UE f'fora internazzjonali.

Huma komplew l-iskambju dwar il-migrazzjoni f'diskussjoni komprensiva, u l-Partijiet tennew l-impenn tagħhom li jsibu tweġibiet adegwati għal din il-kwistjoni.

Fil-laqgħa tiegħu fit-23 u l-24 ta' Mejju 2019, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE eżamina r-riżultati tas-sessjonijiet tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE li saru fl-2018 fi Brussell u f'Cotonou, il-Benin, u adotta r-rapport lill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE fl-2018.

2. Żvilupp Ekonomiku u kooperazzjoni kummerċjali

L-istrategġji għall-iżvilupp ekonomiku kienu fuq quddiem nett tal-aġenda tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE u l-korpi preparatorji tiegħu. Is-suġġett ewlieni tad-diskussjonijiet kien l-iżvilupp tas-settur privat, notevolment l-implimentazzjoni tal-Qafas Konġunt AKP-UE għall-Iżvilupp tas-Settur Privat u l-Alleanza Afrika-Ewropa għall-Investment u għall-Impjiegi Sostenibbli.

Il-kooperazzjoni kummerċjali kellha post prominenti fuq l-aġenda tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE u l-korpi preparatorji tiegħu: din ġiet diskussa kemm fil-livell Ministerjali (mill-Kunsill tal-Ministri AKP-UE u l-Kumitat Ministerjali Konġunt tal-Kummerċ AKP-UE) kif ukoll fil-livell tal-uffiċjali għolja (Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, Sottokumitat AKP-UE dwar il-Kooperazzjoni Kummerċjali). Id-dibattiti kummerċjali ffokaw fuq il-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (FSE).

Fir-rigward tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (FSE), fis-sena 2019 kien hemm interess kontinwu ikbar fost il-pajjiżi AKP biex jingħaqdu mal-FSE reġjonali tagħhom. Inżammet attenzjoni speċjali fuq l-implimentazzjoni u, b'rabta ma' xi reġjuni u pajjiżi, fuq l-approfondiment u t-twessigħ tal-FSE eżistenti.

Il-Kumitat Ministerjali Konġunt tal-Kummerċ AKP-UE kellu skambju ta' fehmiet dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet li jaffettwaw ir-reġim kummerċjali AKP-UE, flivelli multilaterali u bilaterali, l-impatt tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE ma' partijiet terzi u l-prodotti bażiċi.

3. Kooperazzjoni għall-finanzjament tal-iżvilupp

Fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-finanzjament tal-iżvilupp, id-diskussjonijiet fl-istituzzjonijiet konġunti ffokaw prinċipalment fuq il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkoperawx għal finijiet ta' taxxa, it-Titjib tal-Mobilizzazzjoni tar-Riżorsi Domestiċi (DRM) u l-kooperazzjoni AKP-UE dwar il-governanza tat-taxxa internazzjonali.

III. ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL TAL-MINISTRI AKP-UE U L-KORPI PREPARATORJI TIEGĦU U D-DOKUMENTI ADOTTATI

1. Laqgħat

Bil-ħsieb li jintlaħqu l-oġġettivi stipulati fil-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, saru l-laqgħat li ġejjin tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE u l-korpi preparatorji tiegħu:

- Kunsill tal-Ministri AKP-UE (Brussell, il-Belġju, 23-24 ta' Mejju 2019)¹;
- Kumitat ta' Kooperazzjoni għall-Finanzjament tal-Iżvilupp AKP-UE (Ministri) (Brussell, il-Belġju, 23 ta' Mejju 2019)²;
- Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE (Brussell, 12 ta' April 2019)³;
- Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni Kummerċjali AKP-UE (Brussell, 14 ta' Marzu 2019)⁴;
- Kumitat ta' Kooperazzjoni għall-Finanzjament tal-Iżvilupp AKP-UE (rappreżentanti awtorizzati) (Brussell, 2 ta' April 2019).

Detalji tal-laqgħat tal-istituzzjonijiet imsemmijin hawn fuq jinsabu fl-eżiti tal-proċedimenti mil-laqgħat tagħhom.

Il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE kellu wkoll dibattiti mal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE fis-37 sessjoni tagħha, li saret f'Bucharest, ir-Rumanija mit-18 sal-20 ta' Marzu 2019 u fit-38 sessjoni, li saret f'Kigali, ir-Rwanda mis-17 sal-21 ta' Novembru 2019. Id-39 sessjoni saret virtwalment fit-3 u l-10 ta' Diċembru 2020 u l-40 sessjoni saret virtwalment fis-17 u l-24 ta' Ġunju 2021. Il-41 sessjoni saret fi Strasburgu, Franza mill-1 sat-3 ta' April 2022 u t-42 sessjoni f'Maputo, il-Mozambique, mid-29 ta' Ottubru sat-2 ta' Novembru 2022.

¹ Eżitu tal-proċedimenti: AKP/21/001/20 - AKP-UE 2103/20

² Rapport bil-fomm mil-laqgħa huwa anness għall-Eżitu tal-Proċedimenti tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE (AKP/21/001/20 - AKP-UE 2103/20)

³ Eżitu tal-proċedimenti: AKP/22/001/20 - AKP-UE 2102/20

⁴ Rapport fil-qosor: AKP/61/050/19 - AKP-UE 2115/19

2. Deċiżjonijiet

Fl-2019-2022, ġew adottati d-Deċiżjonijiet li ġejjin fil-kuntest tal-ilħuq tal-oġġettivi stabbiliti fil-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE:

- Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE tat-23 ta' Mejju 2019 dwar id-delega tas-setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar id-deċiżjoni li jiġu adottati miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE⁵
- Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tal-25 ta' Frar 2019 li jagħtu kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA) fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu għas-sena finanzjarja 2017⁶
- Deċiżjoni Nru 2/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-17 ta' Diċembru 2019 li jagħtu kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA) fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu għas-sena finanzjarja 2018⁷
- Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-17 ta' Diċembru 2019 li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE⁸
- Deċiżjoni Nru 1/2020 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tal-24 ta' Frar 2020 li taħtar il-membri tal-Bord Eżekuttiv u d-Direttur taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA)⁹

⁵ AKP/21/004/19 - AKP-UE 2112/19

⁶ AKP/84/013/19 - AKP-UE 2102/19

⁷ AKP/84/103/19 - AKP-UE 2117/19

⁸ AKP/22/003/19 - AKP-UE 2116/19

⁹ AKP/84/017/20 - AKP-UE 2101/20

- Deċiżjoni Nru 2/2020 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tal-4 ta' Diċembru 2020 biex tiġi emendata d-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE biex jiġu adottati miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE¹⁰
- Deċiżjoni Nru 3/2020 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tat-22 ta' Diċembru 2020 li testendi l-mandat tal-membri tal-Bord Eżekuttiv taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA)¹¹
- Deċiżjoni Nru 4/2020 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-22 ta' Diċembru 2020 li jagħtu kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA) fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu għas-sena finanzjarja 2019¹²
- Deċiżjoni Nru 1/2021 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tad-29 ta' Ġunju 2021 biex tiġi emendata d-Deċiżjoni Nru 3/2016 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar iċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi¹³
- Deċiżjoni Nru 2/2021 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tat-13 ta' Ottubru 2021 li tagħti kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA) fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu għas-snin finanzjarji 2007-2020¹⁴
- Deċiżjoni Nru 3/2021 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-26 ta' Novembru 2021 biex tiġi emendata d-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE biex jiġu adottati miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE¹⁵

¹⁰ AKP/21/004/20 - AKP-UE 2104/20

¹¹ AKP/84/071/20 - AKP-UE 2106/20

¹² AKP/84/072/20 - AKP-UE 2107/20

¹³ AKP/22/001/21 - AKP-UE 2101/21

¹⁴ AKP/84/125/21 - AKP-UE 2104/21

¹⁵ AKP/21/003/21 - AKP-UE 2105/21

- Deċiżjoni Nru 1/2022 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tal-21 ta' Ġunju 2022 biex tiġi emendata d-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE biex jiġu adottati miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE¹⁶

3. Dokumenti politiċi

Il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE adotta d-dokument ta' natura politika li ġej:

- Rapport mill-Kunsill tal-Ministri AKP-UE lill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE fl-2018¹⁷, adottat mill-Kunsill tal-Ministri AKP-UE fil-23 ta' Mejju 2019.

¹⁶ AKP/21/001/22 - AKP-UE 2101/22

¹⁷ AKP/21/003/19 - AKP-UE 2111/19